# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Nru: 89/2015**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Mark Anthony Ferris**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Mark Anthony Ferris, detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 247272M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-15 ta' Novembru, 2013 ghall-habta tal-17:30hrs gewwa l-fond 21, Kristu Re, Triq Sir Temi Zammit, Tarxien: hebb ghal martu Silvana Ferris u kkagunalha griehi [*recte*: offizi] ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr. Anthony C. Bugeja M.D. ta' Paola Health Centre; bl-imgieba tieghu ikkaguna lil martu Silvana Ferris biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-16 ta' Frar, 2015 li biha sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u kkundannatu xahar prigunerija sospiz ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9

tal-Ligijiet ta' Malta. Ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghal sentejn ai terminu tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u lliberatu mit-tieni imputazzjoni wara li ma sabitux hati taghha;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mark Anthony Ferris , prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-25 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma nstabx hati tat-tieni imputazzjoni u tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fejn instab hati tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi u f'kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti umilment jitlob li tkun mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern;

Semghet ix-xhieda bil-gurament u rat il-provi mressqa;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Ikkunsidrat:

1. Illi fil-kwistjoni hawn devoluta, huwa palesi illi l-parte civile kienet sofriet offiza ta' natura hafifa li skond hi kienet kawzata minn zewgha, minnu separata, billi gidimha f'wiccha. L-appellant joffri spjegazzjoni ghal-dik l-offiza meta jghid illi kienet kawza t'accident. Ghalhekk hemm zewg verzjonijiet ta' kif gara dan l-incident;

2. L-parti lezi spjegat illi waqt li kienet id-dar taghha flimkien ma zewg uliedha, zewggha, li ma joqghodx fl-istess dar, habtilha l-bieb sabiex ihallas il-manteniment. Huwa offra l-hlas fi flus kontanti u innutat li kien hemm xi ammont nieqes u wara li gibditlu l-attenzjoni stedinha biex tmur taghmel rapport lill-pulizija. Ghalhekk hadet il-flus u l-ktieb tar-ricevuti u ghalqet il-bieb, b'zewgha barra, sakemm tikteb ir-ricevuta. Appena bexxqet il-bieb kemm jghaddi l-ktieb tar-ricevuti hataf il-bieb u fethu u rrezistietu milli jidhol izda hatafha

minn wiccha u gidmilha l-warda ta' wiccha u tefaghha mal-art. It-tifla taghha li kienet prezenti bdiet twersaq u l-appellant telaq 'l hinn;

3. L-appellant xehed u rrikonoxxa li mis-somma dovuta bhala manteniment kien hemm hamsa u tletin euro nieqsa u wara li martu kitbitlu r-ricevuta fost hafna paroli u peress illi kien id-dlam huwa ried jara x'kitbet bhala ricevuta. Ghalhekk fetah il-bieb li kien imbexxaq u *ex admissis* fethu b'certu sahha billi gibdu lejh u martu "harget mieghu" u giet ghal fuqu. Il-Qorti tifhem b'dan, illi mart l-appellant ingibdet bil-bieb b'kollox. Huwa nizel l-ghassa tal-pulizija jirraporta dwar dan u ddikjara li seta laqat lil martu bi snienu. Huwa jinnega li qatt gidem l-martu u li kien biss laqatha;

4. Kif gia senjalat, huwa indiskutibbli li l-parti leza sofriet offiza. Id-dokument esebit a fol 11 tal-atti processwali huwa affidavit tat-tabib mediku li kien irrilaxxja certifikat in rigward u jikkonferma illi kien ikkonstata "*arja* [recte: area] *ta' hmura 2cm b'2cm fuq hugbejn xellugi li fiha hemm gilda mqabbza forma ta' "C" bit-tondjatura 'l fuq, u b'ponot zaghar homor fuq gewwa ta' din ic-"C"* u li dan huwa kompatibbli ma' gidma;

5. L-aggravju tal-appellant huwa li mill-komportament taz-zewg xhieda, l-ewwel Qorti kien messha waslet ghal-konkluzzjoni diversa minn dik li waslet ghaliha. Din il-Qorti tifhem b'dan illi l-ewwel Qorti messha intebhet min, bejn il-parti leza u l-appellant kien qed jghid il-verita u konsegwentement kien jimmerita li jitwemmen l-appellant bil-konsegwenza li kellu jkun liberat ukoll mill-ewwel imputazzjoni. Bid-dovut rigward, huwa ben stabbilit ormai illi din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali, ma tiddisturbax il-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel-Qorti hlief fil-kaz fejn ma setghetx ragjonevolment u legalment tikkonkludi b'dan il-mod. Mill-atti processwali u mix-xhieda migjuba quddiemha, din il-Qorti ma tara xejn censurabbli fid-decizzjoni tal-ewwel Qorti li kienet libera li tghazel u tiddeciedi minn miz-zewg partijiet kien qed jghid il-verita sew mid-deposizzjonijiet li inghataw kif ukoll id-dokumenti u c-cirkostanzi kollha quddiemha skond kif ravvizat fl-artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

6. Kwantu ghal-piena erogata, igifieri dik ta' xahar (1) prigunerija sospizi ghal sentejn (2) fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, anke hawn, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti. Il-piena hija ferm fil-parametri tal-ligi u harsa lejn il-fedina penali tieghu turi li d-decizjoni tal-ewwel Qorti kienet wahda ghaqlija;

7. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud. It-terminu tas-sospensjoni tal-prigunerija jibda jiddekorri mil-lum u ghalhekk il-Qorti ghaddiet biex tfiehem lill-appellant bi kliem car l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.